# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Marzu 2016**

**Kawza Numru : 13**
**Rikors Guramentat Numru : 514/2015/LSO**

**Lars Lundquist (K.I. Nru. 434002L)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Lars Lundquist (K.I. Nru. 434002 L) datat 27 ta' Mejju 2015 fejn bil-gurament tieghu, kkonferma s-segwenti fatti li huwa jaf personalment: -

Illi r-rikorrent twieled fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elf u disa' mija u sitta u sittin (1966) gewwa Jarfalla, Stockholm fl-lsvezja, u dan kif jirrizulta mil-estratt tar-registru tal-popolazzjoni Svediza mill-agenzija tat-taxxa Svediza, liema estratt qed jigi anness u mmarkat bhala "Dok LL 1".

Illi r-rikkorent izzewweg f' Malta fis-sena elf u disa' mija u erbgha u disghin (1994) u gie rregistrat bhala cittadin ta' Malta fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002), hekk kif jindika ic-certifikat tac-cittadinanza Maltija mmarkat bhala "Dok LL 2".

Illi wiehed jinnota li f'dan l-istess dokument hawn fuq imsemmi, u cioe`, "Dok LL 2", l-isem u l-kunjom tar-rikkorrent huwa 'Lars Eric Paul Lundquist', u dan b'mod korrett u fuq struzzjonijiet tal-istess rikorrent.

Illi huwa wkoll applika sabiex jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, liema registrazzjoni saret u r-rikorrenti gie registrat bhala 'Lars Eric Paul Lundqvist' minflok 'Lars Eric Paul Lundquist', u dan kif juri l-estratt veru mir-registru pubbliku mmarkat bhala "Dok LLS".

Illi dana l-kunjom "Lundqvist" huwa dak illi kellhom in-nanniet tar-rikorrenti gewwa l-Isvezja u li huma kienu ghazlu li jbiddlu u jaghmluh 'Lundquist', u ghall-ragunijiet mhux maghrufa mir-rikorrenti, dan it-tibdil fil-kunjom gie rregistrat fl-lsvezja fl-elf u disa' mija u hamsa u disghin (1995). In fatti, ghalkemm bil-lingwa Svediza, fid-dokument anness u mmarkat bhala "Dok LL 4", wiehed jista' jara fit-

tieni (2) pagna, sezzjoni *'KOMPLETTERING',* li gie affetwat tibdil fil-kunjom fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elf u disa' mija u hamsa u disghin (1995).

IIIi minkejja dan kollu, il-kunjom tar-rikkorent fuq il-karta ta' l-identita` Maltija u l-passaport Svediz tieghu qeghdin jigu spelluta b'mod tajjeb, u cioe`, 'Lundquist', dan kif jindikaw il-veri kopji annessi u mmarkati bhala "Dok LL 5" u "Dok LL 6" rispettivament.

IIIi l-mara u t-tfal tar-rikkorrent ukoll huma registrati bil-kunjom it-tajjeb, u flimkien mar-rikkorenti huma maghrufa b'dan il-kunjom, u cioe` 'Lundquist'.

Illi l-fatt li fir-Registru Pubbliku, il-kunjom tar-rikorrent qieghed spellut b'mod hazin, qieghed jikkawza inkonvenjent lill-imsemmija rikorrent fil-hajja civili u socjali tieghu;

Illi ghalhekk huwa mehtieg illi jsiru s-segwenti emendi fl-estratt tar-registrazzjoni numru 4340 li saret fl-elfejn u tnejn (2002) fir-rigward tar-rikorrent Lars Lundquist -

(a) Billi jinbiddel il-kunjom minn "Lundqvist" ghall-"Lundquist";

Illi konsegwentement huwa meghieg ukoll illi jigu korretti d-dettalji tar-rikkorenti fis-sistemi tad-Dipartiment tad-Dhul tat-Taxxa Interna kif ukoll fuq il-licenzja tas-sewqan.

Illi tali korrezzjonjiet u annotazzjonijiet bl-ebda mod ma sejrin jilledu d-drittijiet ta' terzi izda ghall-kuntrarju ser iservu sabiex taghti lil terzi informazzjoni aktar shiha dwar l-istess rikorrent;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi l-fatti kollha hawn iddikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrent;

Illi dana r-rikors qieghed isir *ai termini* tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta inkluz tal-artikolu 253 tal-istess Kapitolu 16;

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni, provvediment u ordni mehtiega skont il-ligi, joghgobha:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrent Lars Lundquist, li diga` qieghed registrattb'kunjom korrett fuq ic-certifikat tac-Cittadinanza Maltija, kif ukoll fuq il-karta ta' l-Identita` Maltija tieghu, ghandu jibqa' jigi msejjah b'dan il-kunjom, u jsiru t-tibdiliet neccessarji sabiex jigi rispekkjat il-kunjom tieghu. Dan ukoll minhabba u illi l-familja tieghu wkoll taghmel uzu minn dan il-kunjom u huwa l-kunjom li bih l-istess rikorrent kien konsistentement imsejjah;

2. Konsegwentement tordna lill-konvenut Diretur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel is-segwenti emendi fl-estratt tar-registrazzjoni numru 4340 li saret fl-elfejn u tnejn (2002) fir-rigward tar-rikorrent Lars Lundquist -

(a) Billi jinbiddel il-kunjom minn "Lundqvist" ghal "Lundquist";

Tordna illi dan il-bdil effettwat fir-Registru Pubbliku fir-rigward tar-rikorrent Lars Lundquist, jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess rikorrent.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Lulju 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 2 ta' Lulju 2015 (fol 27) fejn Dr Mariella Silvio ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas himistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Illi l-esponent jirrileva li r-registrazzjoni ta' l-att tat-twelid in kwistjoni sar *ai termini* tal-artikolu 244 tal-Kap 16 peress li l-att tat-twelid originali huwa wiehed Svediz **(anness u immarkat bhala Dok DRP 1**). Ghaldaqstant ir-registrazzjoni hawn Malta saret fedelment u skont l-informazzjoni li tirrizulta mit-traduzzjoni guramentata li r-rikorrenti issottometta fil-punt ta' registrazzjoni **(mmarkat bhala dok DRP 2).** Fuq it-traduzzjoni kunjom missier l-attur huwa Lundqvist.

3. Illi l-esponent jirrileva wkoll li fl-att tat-twelid registrat Malta **(immarkat Dok DRP 3**) m'hemm l-ebda kolonna fejn hemm imnizzel il-kunjom tal-attur *stante* li qabel is-sena 2005 ma kienx jigi indikat kunjom t-tarbija fuq l-att tat-twelid. Ghalhekk jekk hemm bzonn emenda fl-att din ghandha ssir f'kunjom missier ir-rikorrenti u mhux f'kunjom ir-rikorrenti. Dwar dan jinghad ukoll li fuq it-traduzzjoni tal-att originali kunjom missier ir-rikorrenti jinsab miktub bhala "Lundqvist" u meta saret ir-registrazzjoni tac-certifikat tat-twelid, kunjom missieru gie miktub hekk ukoll.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 21 ta' Jannar 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Nicole Briffa ghall-attur u Dr Ariana Falzon ghad-Direttur Intimat. Dr Briffa ddikjarat li r-rikorrent mhux qed jopponi li jerfa' r-responsabbilita' tal-ispejjez tal-kawza billi l-izball sar fl-Izvezja, ghalkemm giet korretta wara, kif jirrizulta mill-atti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri prezenti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta' Marzu 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attur qed jaghmel din il-kawza sabiex jigi korrett l-estratt ta' registrazzjoni tat-twelid tieghu iskritt bin-numru 4340 mahruga fid-29 ta' Novembru 2002 li saret hawn Malta fir-rigward tieghu, u dan *ai termini* tal-**Artikolu 253 *et sequitur*** tal-Kodici Civili, liema artikoli jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba ghall-korrezzjonijiet u registrazzjoni ta' l-ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fl-4 ta' Gunju 2015 (fol 26) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi jigi premess li r-rikorrent twieled fl-Isvezja u ghalhekk ir-registrazzjoni tat-twelid tieghu hija registrazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li jiddisponi li:

*"**244**. (1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pulbbliku jkun soddisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tkkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

L-attur xehed b'affidavit (fol 36-37) fejn qal li twieled fl-Isvezja fil-11 ta' Ottubru 1966 fejn kien ufficjalment registrat bhala 'Lundqvist.' Qal li kien sar jaf aktar tard, li kien sar zball sahansitra qabel it-twelid tieghu, fl-Isvezja fis-sens li fil-kunjom tieghu u ta' predecessuri tieghu l-ittra 'u' kienet giet imnizzla bhala 'v'. Konsegwentement, dan gie rifless ukoll fid-dokumenti tieghu meta gie joqghod hawn Malta. Semma li ommu pprocediet fl-Isvezja, biex tikkoregi dan l-izball, u fil-fatt dan gie rrangat fl-Isvezja fl-1995. Ghalhekk, ipproceda b'dan il-kaz biex ikun jista' jigi rrangat dan l-izball fil-kunjom hawnhekk ukoll.

**Michelle Lundquist** xehdet b'affidavit (fol 38) u qalet li hi izzewget lill-attur fit-28 ta' Mejju 1994. Qalet li hi registrata bhala 'Landquist' u dejjem taf li kunjom ir-ragel taghha kien spellut b'dan il-mod. Semmiet li dan gie korrett mill-awtoritajiet Svedizi fl-1995. Qalet li hu essenzjali li kunjom ir-ragel taghha jigi korrett hawn Malta peress li hu jrid japplika ghal passaport Malti.

**Rebecca Lundquist** xehdet b'affidavit (fol 42) u qalet li hija bint l-attur, li qalet kunjomha huwa mnizzel bhala 'Lundquist' u ghalhekk missierha jixtieq jikkoregi ismu ghax hu l-unika wiehed fil-familja li ghadu mnizzel bhala 'Lundqvist'. Dan gie kkonfermat minn **Sofia Lundquist** f'affidavit taghha (fol 47) .

**Dan John Lennart Lundquist** xehed b'affidavit (fol 52) hu l-attur u li twieled fl-Isvezja fl-1964, qal li gie originarjament registrat bhala 'Lundqvist'. Afferma wkoll li kien sar zball fir-registrazzjoni tal-kunjom tal-familja fl-Isvezja peress li dak iz-zmien dawn id-dokumenti miktubin bl-idejn. Semma li meta kien ser jizzewweg, fil-fatt kien ghamel il-procedura mehtiega biex jigi korret kunjomu fl-Izvezja, u fil-fatt l-izball gie rrangat sussegwentement fid-dokumenti kollha tieghu. Qal li huh fil-fatt irnexxielu jirranga dan l-izball fil-kunjom tieghu fl-Isvezja fl-1995, wara procedura li kienet inbdiet minn ommhom stess.

**Sonia Ekezie** Assistent Direttur fir-Registru Pubbliku, xehdet b'affidavit (fol 63) u qalet li peress li l-attur twieled fl-Isvezja r-registrazzjoni tieghu setghet issir biss *ai termini* tal-artikolu 244 tal-Kodici Civili. Meta dan jintalab tintalab traduzzjoni li tigi riflessa fic-certifikat lokali. Semmiet li mill-att tat-twelid originali ta' missier l-attur esebit bhala **Dok A** (fol 64) u fit-traduzzjoni **Dok B** (fol 65) kunjom missier ir-rikorrent jinsab spellut bhala 'Lunqvist', u b' hekk l-attur tnizzel ukoll bhala 'Lundqvist'.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti u hija sodisfatta li kunjom l-attur gie fil-fatt korrett mill-awtoritajiet Svedizi hekk kif jirrizulta mid-dokument esebit (fol 57). Illi dan sar in segwitu ghall-korrezzjoni fil-kunjom ukoll ta' missier l-attur hekk kif jirrizulta a fol 58, li issa jinsabu registrati hekk kif jidher fid-dokumenti esebiti a fol 59 u 60 tal-process. Illi in sostenn ma' dan hemm esebit ukoll, Dok LL1 mar-rikors promotur a fol 9 sa 11, li huwa estratt mir-Registru tal-

Popolazzjoni tal-Izvezja li juri l-isem tal-attur u ta' missieru bhala 'Lundquist' u mhux 'Lundqvist'.

Fid-dawl tal-premess u tad-dokumenti esebiti, il-Qorti hi sodisfatta li sar zball fl-Isvezja meta l-kunjom tal-attur, tnizzel spellut bil-'v' minflok bl-'u' u lid an iz-zball gie korrett mill-awtoritajiet f'dak il-pajjiz. Isegwi ghalhekk li din il-korrezzjoni ghandha tigi wkoll riflessa fir-registrazzjoni li ssir hawn Malta u ghalhekk ser tilqa' t-talba ghad-debita korrezzjoni.

Illi l-attur ma opponiex li jerfa' l-ispejjez tal-kawza, *stante* li l-izball sar fl-Izvezja. (fol 67). Ikkonsidrat li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-izball peress li agixxa skont dokumenti ufficjali barranin u traduzzjoni hekk kif tehtieg il-procedura, u ghalhekk, l-konvenut ma ghandux ibati l-ispejjez.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' t-talbiet tal-attur b'dan li:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kunjom korrett tal-attur huwa ' Lundquist' hekk kif inhu gja registrat fuq ic-certifikat tac-cittadinanza Maltija, kif ukoll fuq il-karta ta' l-identita` Maltija tieghu.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jikkorregi l-estratt tal-att tat-twelid hekk kif registrat f'Malta bin-numru ta' Iskrizzjoni 4340 mahruga fid-

29 ta' Novembru 2002 fir-rigward ta' Lars Lundquist, billi jigi korrett il-kunjom li ghandu jinbidel minn "Lundqvist" ghal "Lundquist".

3. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta.

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi ssir id-debita korrezzjoni hawn fuq ordnata.

**L-ispejjez jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**22 ta' Marzu 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu 2016**